MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 216/2007

**GasanMamo Insurance Limited**

**vs**

**Asfaltar Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz tal-kumpanija attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-ghoxrin (20) ta' Lulju 2007 fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lil kumpanija konvenuta thallasha s-somma ta' elf sebgha mija sitta w disghin lira maltin u sittin centezmu u dan bahala danni, rizultanti minn incident li sehh fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Mejju 2006, waqt li s-socjeta konvenuta kienet qed topera makkinarju fil-vicinanzi tal-faccata tal-proprjeta tal-kumpanija attrici hija kkawzat hsara fil-faccata tal-istess proprjeta ghal liema hsara s-socjeta attrici giet parzjalment kompensata mis-socjeta assikuratrici fl-ammont ta' elf erbgha mija hamsa w sebghin lira maltin, liema assigurazzjoni wkoll nefqet tlieta w ghoxrin lira

maltin u sittin centezmu bhala *survey expenses* u tlett liri maltin ghar-rapport tal-pulizija w in oltre, is-socjeta assikurata fuq imsemmija nefqet mitejn hamsa w disghin lira maltin oltre ammont li ghalih giet debitament kompensata mill-assikurazzjoni biex b'hekk mill-ammont mitlub, elf hames mija u lira maltija u sittin centezmu huma pagabbli lil assikurazzjoni u mitejn u hamsa w disghin lira maltin huma pagabbli lis-socjeta assikurata, ghal liema dannu u hsara hija unikament responsabbli l-kumpanija konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data ta' notifika tal-Avviz kontra l-kumpanija konvenuta li minn issa hija ngunta 'n subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sbatax (17) ta' Settembru 2007 fejn eccepiet li s-socjeta konvenuta qatt ma kellha incidenti li b'xi mod setgha wassal ghal danni sofferti mis-socjeta Jack Chircop Limited.

Rat illi fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Frar 2008 xehed **Conrad Chetcuti prodott mis-socjeta attrici** (fol. 13) fejn qal li fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Mejju 2006 hu kien ircieva notifika minn klijent taghhom, certu Jack Chircop Limited, li kien sofra xi danni fil-faccata tieghu fl-istess gurnata li kien sehh l-incident awtomobilistiku. Qal li hu kien mar jaghmel *survey* fuq il-post l-ghada u cioe t-tletin (30) ta' Mejju 2006 u kien ikkonferma li effettivament l-klijent Jack Chircop Limited kellu hsarat fil-faccata tieghu fejn kien hemm *hydraulic oils* u skond ma qallu l-klijent, kien hemm xi *crane* ta' Asfaltar Limited li kienet qed thott merkanzija kbira u sploda xi *pipe* zghir tal-*hydraulic* u tar mal-faccata tieghu. Qal li l-hsarat kienu limitati ghal faccata u ghal *survey* estensiv, kien tqabbad l-Perit Grech li kien mar fl-erbatax (14) ta' Lulju 2006 u skond l-istess perit, l-hsarat kienu jammontaw ghal circa erbgha mija u hamsa w sebghin lira maltin (LM1475). Qal li s-socjeta attrici hallset wkoll tlett (3) liri maltin ghal rapport tal-pulizija u tlieta w ghoxrin lira u sittin centezmu (LM23.60) bhala *survey expenses*. Mistoqsi x'kienu jirrapprezentaw

l-mitejn hamsa w disghin lira (LM295) mitluba fl-avviz, wiegeb li ma kienx jaf. Meta gie muri Dok. GM 4, esibit fl-atti qal li dawn huwa s-*survey report* mahrug minnu stess. Qal li skond dan r-rapport tal-perit, l-hsarat kienu jammontaw ghal elf disgha mija u hamsa w hamsin lira (LM1955) inkluz l-VAT, kif jirrizulta mid-Dok. VM 5 esibiet. Mistoqsi jekk effettivament x'hallset lil Jack Chircop Limited s-socjeta attrici, wiegheg li huma kienu rcievew stima minghand l-klijent taghhom li kienet inqas minn dik mahruga mill-perit taghhom u meta kkonfermaw mas-*survey report*, ikkonfermaw li kienet ragjonevoli u naqqsu *net of access* hamsa w ghoxrin (25) lira. Qal li l-pagament taghhomk hareg fl-ammont ta' elf erbgha u hamsa w sebghin lira (LM1475). Zied jghid li s-socjeta konvenuta kienet tkellmet mal-klijent taghhom w offrewlu li jaghmlu x-xoghol huma stess fuq il-faccata, pero l-klijent taghhom ma xtaqx ghaliex xtaq li jaghmel x-xoghol hu stess. Qal li huma hallsuh *cash settlement* fuq dan l-ammont u wara gabru d-*discharge form* minghandu w eventwalment kitbu huma lil terzi sabiex jigbru l-flus.

In kontr'ezami qal li l-Perit Grech li semma fix-xhieda tieghu huwa wiehed minn *panel* ta' periti li tuza s-socjeta attrici. Qal li l-VAT tingabar mill-klijent. Zied jghid li l-*hydraulic paint* li kien hemm mal-faccata tal-klijent taghhom, kien aktar skur mill-faccata tal-klijent.

Illi nhar s-sbatax (17) t'April 2008 xehed **il-Perit Alfred Grech prodott mis-socjeta attrici** (fol. 40) fejn meta gie muri s-survey report esibita fol. 30 bhala Dok. GM 5, ikkonferma li dan sar minnu w ikkonferma l-firma tieghu fuqu. Qal li hu kien gie nkarigat sabiex imur fuq l-post mis-socjeta GasanMamo sabiex jara xi hsarat kien hemm f'15, Flagstone Wharf, Marsa u jirrelata dwar l-istess u fil-fatt kien ghamel u hareg dik l-istima tal-hsarat li hemm. Qal li s-socjeta msemmija m'indikatlux x'tip ta' hsara kien hemm u hu kellu jmur jaghmel survey u kien hu li ndika l-hsarat li rrizultawlu.

Illi nhar s-sbatax (17) t'April 2008 xehed **PS 728 Brandon Borg prodott mis-socjeta attrici** (fol. 42) fejn qal li nhar d-disgha w ghoxrin (29) ta' Mejju 2006, waqt li kien

stazzjonat l-ghassa l-Belt, kien mar certu Armando Chircop jaghmel rapport li sab xi tip ta' zejt imcappas mal-faccata tal-proprjeta tieghu f'15, Flagstone Wharf, Marsa. Qal li sussegwentement mar ma dan Armando Chircop jispezzjonaw il-fond w ivverifika dak li kien allega, u cioe li kien hemm zjut mal-faccata. Qal li minn investigazzjoni li ghamel rrizulta li kien hemm xi *truck* li kien qed jahdem, liema *truck* kien proprjeta ta' Asfaltar Limited. Qal li tkellem ukoll ma certu Ian Magro, direttur u proprjetarju ta' Asfaltar Limited, u dan qallu li kien ser jipprova jirranga l-affarijiet amikevolment ma Armando Chircop. Mistoqsi ma min tkellem meta mar fl-akkwati, qal li kien impjegat ta' Brownrigg Installations Limited u waqfet hemmhekk. Qal li meta qalulu li kienu ser jirrangaw l-kwistjoni bejniethom, waqaf.

Illi nhar s-sbatax (17) t'April 2008 xehdet **WPC 217 Alison Formosa prodotta mis-socjeta attrici** (fol. 44) fejn qalet li nhar d-disgha w ghoxrin (29) ta' Mejju 2006, waqt li kienet stazzjonata l-ghassa l-Belt, kien mar certu Armando Chircop jaghmel rapport li sab xi tip ta' zejt imcappas mal-faccata tal-proprjeta tieghu f'15, Flagstone Wharf, Marsa. Hi esibiet l-okkorrenza relattiva bhala Dok. WPC w ikkonfermat l-kontentut taghha.

**Illi l-attur Armando Chircop** permezz tal-affidavit ppresentat seduta stante nhar s-sbatax (17) t'April 2008 (fol. 46) jghid li hu ghandu l-kariga ta' direttur fil-kumpanija Jack Chircop Limited li ghandha numru ta' registrazzjoni C6953. Jghid li l-kumpanija Jack Chircop Limited ghandha nahzen b'zewg sulari fuqu li jinsab numru 15, Flagstone Wharf, Marsa. Jghid li xogholhom huwa bhala *foremen* fil-*port* u *port contractors*. Jghid lid an il-mahzen apparti li jghaddi minn quddiemu hafna drabi, gieli jahzen fih u juzah kif ikun hemm bzonn. Jghid li fit-tletin (30) ta' Mejju 2006, kien ghaddej minn quddiemu w induna li l-faccata kienet mimlija zejt w ghalhekk mar jaghmel rapport l-ghassa l-Belt. Jghid li nizzel lil PS 728 mill-ghassa mieghu u kuntistabbli iehor biex jaraw l-mahzen u biex ikellmu lil girien tal-mahzen li huwa certu Anglu Vella li jbiegh l-hadid fuq in-naha tal-lemin u jmiss mieghu fuq in-naha tax-xellug hemm Brownrigg Installations Limited.

Jghid li meta l-pulizija mar ghand Browmrigg Installations Limited u hareg, qallu li kien kellem lil rapprezentanti ta' Brownrigg Installations Limited u dawn qalulu min kien qed jghabbi u min kien ghamel l-hsara. Jghid li l-pulizija kienu qalulu li kienu ta' Asfaltar Limited li kienu ghamlulu l-hsara. Jghid li sar jaf li kien hemm *truck* tas-socjeta konvenuta li kien ipparkjat quddiem il-mahzen tieghu jghabbi materjal tqil minghand Brownrigg Installations Limited, infaqa l-*hydraulic pipe* tal-*crane* tat-*truck* bil-konsegwenza li z-zejt tieghu ttajjar ghal fuq il-faccata w t-twieqi tieghu. Jghid li meta kkuntattja lil Ian Magro ta' Asfaltar Limited, dan kien accetta li kien incident minn naha taghhom u li kien lest li jaghmel x-xoghol pero hu kien qallu li hu kien assikurat u li kien mexxa bl-assigurazzjoni tieghu. Jghid li hu kien fetah *claim* mal-*insurance* u minn naha taghhom kienu nkarigaw lil AIC Alfred Grech biex imur jara l-hsara u meta mar qallu li z-zejt kien ippenetra sew fil-faccata u kien hemm diversi xoghljiet xi jsiru u hareg stima ta' dawn ix-xoghlijiet fl-ammont ta' elf disgha mija u hamsa w hamsin lira maltin. Jghid li nel frattemp, hu wkoll ghamel xi ricerki dwar kemm kienu ser jiswew dawn t-tiswijiet u kien rrizultalu li kienu ser jammontaw ghal circa elf u hames mitt lira maltin (LM1500). Jghid li fil-fatt kien accetta *settlement* minghand GasanMamo Insurance ghal dan l-ammont li minnu kellu jitnaqqas l-*excess* ammontanti ghal hamsa w ghoxrin lira matlin (LM25). Jghid li hu thallas minghand GasanMamo Insurance Limited s-somma ta' elf erbgha mija hamsa w sebghin lira maltin (LM1475) (Dok. AC 1 anness). Jghid li meta gie biex jaghmel x-xoghlijiet gara li dawn gew jammontaw ghal izjed mill-ammont miftiehem u fil-fatt telghu ghal elf sebgha mija u sebghin lira maltin (LM1770) (Dok. AC 2 anness) w ghalhekk kien hareg mitejn hamsa w disghin lira maltin (LM295) aktar minn dak li kien gie kumpensat.

**Illi l-attrici Frances Caruana** permezz tal-affidavit ppresentat seduta stante nhar s-sbatax (17) t'April 2008 (fol. 50) tghid li hi tmexxi l-hanut J.C. Ironmongery gewwa Hal Tarxien. Tghid li f'Settembru 2006 kien mar il-hanut taghha, Armando Chircop sabiex jixtri xi *Feb Silicone*, li huwa *waterproofing* ghal faccati minhabba li kellu xi hsara

fuq il-faccata. Tghid li fil-fatt xtara erbgha tankijiet bi 25 litri kull wiehed minn dan s-*silicone*. Tikkonferma li l-*invoice* Dok. FC 1, hargitha hi w ikkonfermat wkoll li Armando Chircop kien hallas l-ammont ta’ mija w ghaxar (110) liri u b’hekk inharget r-ricevuta Dok. FC 2.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin (21) ta’ Novembru 2008, xehed **Paul Magro** prodott mis-socjeta konvenuta (fol. 78) fejn qal li ghal habta Mejju 206 s-socjeta konvenuta kienet xtrat xi materjal mis-socjeta maghrufa bhala Brownrigg Installations Limited. Qal li l-fatt li huma kienu qed jillowdjaw bil-*cables* li kienu xtraw, kien mar xi *pipe* tal-*highup* w ghalhekk kien hemm xi ftit qtar ta’ zejt abjad, *hydraulic oil*, li tar ghal mal-faccata tal-garr Jack Chircop. Qal li kienu ftehmu ma dan Jack Chircop li kienu ser jnaddfulu l-facacata huma pero dan xorta mar l-ghassa. Fil-fatt, zied jghid x-xhud, kienu cemplulhom mill-ghassa pero qatt ma kienu gew infurmati dwar dan. Qal li xi zmien wara kienu rcivew xi kont li huma ma kienux lest li jhallsu peress li setghu dahlu fi spejjez inqas. Qal li per ezempju kien hemm xi hlasijiet ta’ *scoffolding* li huma ma kellhomx bzonn jikru ghaliex kellhom taghhom stess, u bhala *labour*, wkoll kellhom in-nies taghhom li setghu jaghmlu tajjeb ghal dan t-tip ta’ xoghol u kien ghalhekk li hassew li ma kellhomx jidhlu fi spejjez zejda. Qal li huma kienu lesti li jaghmlu t-tiswija necessarja pero una volta jifthemu fuq data pero l-parti l-ohra qatt ma talbuhom biex imorru jghamluh.

Mistoqsi effettivament sarx xi xoghol minn naha taghhom, wiegeb li ma jafx li sar. Qal li hu kien tkellem ma persuna fuq il-mobile. Meta gie mistoqsi jekk kienetx il-persuna ta’ Armando Chircop wiegeb li ma kienx jaf. Qabel pero li l-hsarat kienu fuq il-faccata tal-proprjeta ta’ Jack Chircop Limited. Qal li l-pulizija fil-fatt kellmuhom ftit minuti wara li sehh l-incident, tant li lanqas kien ghadu jaf b’dan l-incident meta kellmuhom il-pulizija. Mistoqsi jekk kienx l-ghada li effettivament tkellmu mal-pulizija, wiegeb li ma kienx jaf, pero meta tkellmu maghhom ma kienx jaf bl-istorja. Qal li hu kien tkellem ma rappresentant tas-socjeta Jack Chircop Limited li qallu li kien kopert

b'*insurance* u x-xhud kien qallu li l-izball kien taghhom pero ma kienux regghu kkomunikaw mieghu.

Illi nhar l-hamsa (5) ta' Marzu 2009, xehed **Conrad Chetcuti in rapprezentanza ta' GasanMamo Insurance** (fol. 87) fejn qal li meta kienet giet ppresentata l-*claim* lis-socjeta attrici, hu kien jokkupa l-kariga ta' Claims Handler w ghalhekk kien gie nvolut sabiex jittratta l-istess. Mistoqsi jekk kien tkellem mal-assigurat direttament, wiegeb li kien. Fil-fatt, zied jghid, kien tkellem ma Armando Chircop ghan-nom tas-socjeta konvenuta, ghan-nom tas-socjeta Jack Chircop Limited. Mistoqsi kif kien rrizultalu li Asfaltar Limited kienet tkellmet mas-socjeta Jack Chircop Limited, wiegeb li fil-fatt kien mar fuq il-post ghand Jack Chircop Limited, l-klijent tieghu u kien infurmah li huwa fil-fatt kien diga tkellem mal-pulizija u l-pulizija kienu nfurmaw min kienet l-persuna li ghamlet l-hsara u cioe s-socjeta konvenuta. Qal li sussegwentement kien hemm xi laqgha bejniethom jigifieri bejn s-socjeta Jack Chircop Limited u Asfaltar Limited w iddiskutew l-kwistjoni u l-klijent tieghu Jack Chircop Limited ma kienx accetta l-offerta maghmula mis-socjeta konvenuta.

Illi nhar l-hdax (11) ta' Gunju 2009, xehed **Armando Chircop prodott mis-socjeta konvenuta** (fol. 99) fejn mistoqsi x'kuntatt kellu ma' Ian Magro ighid li wara li kien kiteb l-affidavit tieghu huwa kellu kuntatt ma' Ian Magro ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, jghid illi effettivament kien mar b'van blu u qallu li kien lest li jaghmel ix-xoghol hu jekk ma kienx sejjer zball u hu kien qallu li peress li hu kien assigurat, kellu dritt jaghzel lil min ried li jaghmillu x-xoghol. Jghid li dan sehh bieb ma' bieb ma' Brownrigg Installations Limited. Mistoqsi jekk effettivament ix-xoghol sarx wiegeb li dan sar. Jghid li effettivament ix-xoghol sar minn wiehed Sirjan pero' x'jismu u kunjomu ma kienx jaf. Jghid li dan is-Sirjan gie mhallas minnu (mix-xhud) u hu (ix-xhud) gie kkumpensat mis-socjeta' assikurattrici peress li kien jafu u kien diga' ghamillu xi xoghol bnadi ohrajn. Jghid li kuntatt ma' dan is-sinjur pero' m'ghadx kellu u fil-fatt riedu ghal bicca xoghol ohra u ma sabux.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta attrici ppresentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Lulju 2009.

Rat wkoll in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta ppresentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-tlieta (3) ta’ Settembru 2009.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Chircop l-assikurat tas-socjeta attrici sofra danni fil-faccata tal-proprjeta tieghu gewwa Flagwharf Marsa. Illi gie stabilit li dawn il-hsarat gew kagunati mis-socjeta konvenuta Asfaltar Limited u dana kif jirrizulta mix-xhieda ta’ Ian Magro li ddikjara li l-hsara saret minn xi impjegat tas-socjeta tieghu meta waqt li kien qed jaghmel xi xoghol permezz ta’ *hrydraulic* fil-vicinanzi tal-proprjeta ta’ Chircop spara xi *wire* u beda itir xi zejt. Illi Ian Magro ghan-nom tas-socjeta konvenuta jammetti r-responsabilita tieghu tant li fil-fatt kien offra li jaghmel tajjeb ghal-hsarat sofferti minn Chircop.

Huwa ighid li ma jridx ihallas l-ammont mitlub ghaliex fil-fehma tieghu huma esagerati stante li seta’ jirriduci dawn id-danni kieku kellu l-opportunita li jaghmel ix-xoghol ta’ reparazzjoni huwa stess.

Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li ecepixxa fin-nota ta’ sottomissjoni tieghu huwa qieghed jassumi r-responsabilita tal-incident w ghalhekk l-eccezzjoni tieghu, li s-socjeta konvenuta ma kellhiex incident b’xi mod setgha wassal ghad-danni sofferti mis-socjeta Jack Chircop Limited ma hiex gusta.

Is-socjeta konvenuta tghid li hija kienet lesta li tghamel tajjeb ghal hsara li ghamlet hi pero is-socjeta Jack Chircop Limited ma hallithiex ghaliex infurmatha li kellha dritt taghzel hi min kien ser jirrangalha l-hsarat peress illi kienet koperta b’polza ta’ sigurta.

Is-socjeta attrici invece tghid li hija kienet giet infurmata bil-*claim* li kienet ghamlet is-socjeta Jack Chircop Limited

u fil-pront kienet baghtet *surveyor* sabiex jistabilixxi l-ammont u x'tip ta hsara kien hemm. Fil-fatt Conrad Chetcuti ghan-nom tas-socjeta attrici jghid li huwa kien qabbad lil Perit Alfred Grech sabiex imur fuq il-post u jghamel stima tal-hsara li kienet giet kagunata. Il-Perit Alfred Grech effettivament kien ghamel spezzjoni fuq il-post u skond rapport esebit minnu a fol. 30 w immarkat bhala Dok. GM 5, il-hsara kienet tammonta ghal LM1,955.

Illi dan ir-rapport ma jidhirx li huwa kkontesta fis-sustanza tieghu ghalkemm Ian Magro jghid li s-socjeta konvenuta setghet hallset anqas peress illi hafna mix-xoghol setghet tghamlu hi stess minghajr *cost* tal-*labour*.

Illi s-socjeta assikuratrici awtorizzat li x-xoghol isir minn haddiem imqabbad mill-assikurat taghhom Jack Chircop ghaliex l-istima li gab huwa kienet ferm anqas u cioe fl-ammont ta' LM1,500 (vide fol. 26 Dok. AC). Fil-fatt jirrizulta li dan Chircop kien iffirma *settlement* mas-socjeta assikuratrici fl-ammont ta' elf u hames mitt lira maltin (LM1,500). B'hekk huwa rcieva s-somma ta' LM1475 u cioe l-LM1,500 minghajr l-*excess* ta' LM25 li kien hallas precedentement.

Gara pero, u dan mhux kontestat, li Armando Chircop kien hallas aktar ghal hsara li kellu ghaliex oltre l-LM1475 li kien ircieva minghand l-*insurance*, huwa kien hallas minn butu s-somma ta' LM297 ghaliex in toto l-ammont tad-danni li sofra kien LM1772. (vide Dok. AC 2)

Is-socjeta konvenuta fl-eccezzjoni taghha ma tghidx li l-ammont mitlub huwa eccessiv kif donnu jghid id-Direttur tas-socjeta konvenuta fix-xhieda tieghu, izda li s-socjeta konvenuta ma hiex responsabbli ghall-incident li sehh.

Illi nonostante li fl-mori tal-kawza gie stabilit li l-incident huwa responsabbli ghalih, is-socjeta konvenuta, din ma tikkontestax il-quantum tar-ricevuti esebiti u cioe li effettivament id-danni subiti wasslu ghal dak l-ammont imsemmi minn Chircop.

Illi ghalhekk jirrizulta bic-car li s-socjeta attrici hallset is-somma ta' LM1475 in kwantu ghad-danni, LM3 ghall-hlas tar-rapport tal-pulizija, LM23.60 bhala *survey expenses* b'total ta' LM1501.60 filwaqt li Chircop hallas LM297 rigward id-danni u LM25 *excess*, total ta' LM322.

**Ghaldaqstant din il-Qorti taqta u tiddecidi billi tilqa t-talba attrici u tiddikjara li l-incident li sehh nhar id-disgha w ghoxrin (29) ta' Mejju 2006 sehh tort uniku tas-socjeta konvenuta u b'hekk tichad l-eccezzjoni taghha u tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta GasanMamo Insurance Limited fl-ammont ta' LM1501.60 ekwivalenti ghal tlett elef erbgha mija u disgha w disghin euro (€3499) u d-danni sofferti mill-attur Jack Chircop Limited fl-ammont ta' LM322 ekwivalenti ghal sebgha mija u hamsin euro (€750) u tordna lis-socjeta konvenuta thallas lill-atturi dik is-somma gja likwidata.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza u l-imghax jigi sopportat mis-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------